**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 268/2017 AF**

**Johann u Josephine sive Josella konjugi Farrugia**

**vs**

**Angelo Barone u martu Gigliola De Renzi f'isimhom personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà "Gilang Limited" (C-41566) u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2017, l-Avukat Dr. Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-istess**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Johann u Josephine sive Josella konjugi Farrugia li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimati kienu istitwew proceduri gudizzjarji fil-konfront tar-rikorrenti u sussegwentement intavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontrihom.

Sabiex jitnehha il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju r-rikorrenti kienu offrew in garanzija ipoteka specjali fis-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000) fuq il-hanut numru 15, Triq San

Gwann liema hanut ghandu wkoll entratura minn bieb numru 47 fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta.

Bis-sahha ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon datat tlettax (13) ta' Awwissu 2010 inholqot ipoteka specjali numru 12,265 tal-2010 a favur tal-intimati u in garanzija tal-pretensjoni taghhom kawtelati bil-mandat u dan bil-patt u kundizzjoni illi jekk jirrizulta illi l-ebda ammont ma jkun dovut lill-intimati Barone u s-socjetà Gilang Limited in segwitu ghal decizjoni finali tal-Qorti, l-intimati intrabtu li jikkancellaw l-imsemmija ipoteka specjali fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha (kopja tal-pubblika qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A).

Permezz ta' decizjoni (li illum ghaddiet in gudikat billi ma gie ntavolat ebda appell minnha) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Gunju 2015 ref 633/2010 (kopja ta' liema qieghed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B) jirrizulta illi, l-intimati huma debituri tar-rikorrenti, u mhux il-kontra.

L-esponenti interpellaw lill-intimati u lir-rapprezentanti taghhom f'Malta sabiex jersqu ghall-kancellament tal-ipoteka specjali *de quo* izda l-intimati baqghu inadempjenti u l-proprjetà ghadha ggravata bl-ipoteka imsemmija.

Fi kwalunkwe kaz jezistu l-elementi msemmija fl-artikolu 2064 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-ipoteka specjali tithassar u dan stante illi l-jedd tal-kredituri spicca.

L-esponenti personalment jafu bil-fatti hawnhekk esposti.

Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi ma ghad hemm ebda skop ghall-ipoteka specjali (€50,000) fuq il-hanut numru 15, Triq San Gwann liema hanut ghandu wkoll entratura minn bieb numru 47 fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta fl-ammont ta' hamsin elf Ewro kostitwita bis-sahha ta' att pubbliku fl-att tan-Nutar

Joseph Henry Saydon tat-tlettax (13) ta' Awwissu 2010 a favur tal-intimati Angelo Barone, Gigliola De Renzi, u Gilang Limited u bin-numru 12,265 tal-2010 u dan ghaliex ma jezistix il-kreditu favur l-intimati in garanzija ta' liema l-ipoteka *de quo* kienet giet istitwita.

2. Tordna l-kancellament tal-ipoteka specjali premessa u li ggib in-numru ta' registrazzjoni 12,265 tal-2010.

3. Tordna lill-intimati sabiex jersqu ghall-kancellament tal-ipoteka specjali numru 12,265 tal-2010.

4. Tiffissa jum, hin u ghal lok ghall-pubblikazzjoni tal-att necessarju ta' kancellament u ghal dan il-ghan tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacji taghhom fuq l-att.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti fil-konfront tal-intimat ghal danni u/jew kumpens mod iehor skond il-ligi.

L-intimati minn issa, u bil-prezenti, ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, il-kuraturi deputati mahtura mill-Qorti baqghu ma ressqu ebda twegiba.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat li, minkejja li gew moghtija l-fakoltà jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, l-istess kuraturi deputati baqghu ma ressqu ebda nota.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qorti li l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni tat-talba, izda jibqa' jispetta lir-rikorrenti li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu sal-grad rikjest mill-ligi.

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti rnexxielhom jaghmlu dan ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Id-dokumenti minnhom esibiti u x-xhieda viva voce iwasslu lil din il-Qorti biex tqis li t-talbiet taghhom huma pjenament pruvati u jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi ma ghad hemm ebda skop ghall-ipoteka specjali (€50,000) fuq il-hanut numru 15, Triq San Gwann liema hanut ghandu wkoll entratura minn bieb numru 47 fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta fl-ammont ta' hamsin elf Ewro kostitwita bis-sahha ta' att pubbliku fl-att tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-tlettax (13) ta' Awwissu 2010 a favur tal-intimati Angelo Barone, Gigliola De Renzi, u Gilang Limited u bin-numru 12,265 tal-2010 u dan ghaliex ma jezistix il-kreditu favur l-intimati in garanzija ta' liema l-ipoteka *de quo* kienet giet istitwita.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-kancellament tal-ipoteka specjali premessa u li ggib in-numru ta' registrazzjoni 12,265 tal-2010.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimati sabiex jersqu ghall-kancellament tal-ipoteka specjali numru 12,265 tal-2010.

4. Tilqa' r-raba talba u ghal dan l-iskop tahtar lin-Nutar Sean Critien biex jippubblika l-att relattiv nhar is-16 ta' April 2018 fil-11.00 ta' filghodu fil-bini tal-Qorti; Tahtar ukoll lil Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att; dan kollu bl-ispejjez u rizervi kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG